TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Mejju 2016

Avviz Numru: 13/2016KM

Go Plc

Vs

Lara Sonja Hope

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba prezentata fil-5 (hamsa) ta' April (tas-sena elfejn u sittax) 2016 li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt mija u sitt Ewro u erba u erbghin centezmu (€606.44) import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni fil-kont numru 40494776. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenuta giet notifikata b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenuta qatt ma pprezentat risposta jew dheret biex tikkontesta t-talba.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-27 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta din it-talba. Fil-fatt hija la prezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deheret quddiem it-tribunal sabiex tikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenuta saret permezz tal-pubblikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippubblikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnali 'The Times of Malta' u 'L-Orrizzont'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016, it-Tribunal sema' lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa't-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' sitt mija u sitt Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€606.44) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenuta.

(ft.) Dr. Kevin Mompalao
Gudikant

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur